



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Awwissu 2023  
(OR. en)

12451/23

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0301(NLE)

---

---

PECHE 322

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                   |
| data meta waslet: | 28 ta' Awwissu 2023                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 492 final                                                                                                                                                                                                                                                                         |
| Suġġett:          | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 492 final.

Mehmuż: COM(2023) 492 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.8.2023  
COM(2023) 492 final

2023/0301 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (ir-“Regolament Bażiku tal-PKS”), ir-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar iridu jiġu sfruttati b'mod li jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (“MSY”). Għodda importanti biex dan jiġi żgurat huwa l-iffissar annwali tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' qabdiet totali permissibbli (TACs) u kwoti.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> li jistabbilixxi l-pjan pluriennali (MAP) għall-Baħar Baltiku jkompli jispeċifika meded tal-miri tal-mortalità mis-sajd. Dawn il-meded jintużaw f'din il-proposta biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS) u b'mod partikolari biex jintlaħaq u jinżamm l-MSY.

Din il-proposta għandha l-għan li tiffissa l-opportunitajiet tas-sajd tal-Istati Membri għall-2024 għall-aktar stokkijiet tal-ħut kummerċjalment sinifikanti fil-Baħar Baltiku. Din il-proposta għandha wkoll l-għan li tirregola s-sajd rikreattiv tal-baħar sal-punt meħtieġ biex jiġu kkonservati l-istokkijiet tal-ħut koperti minn dan ir-Regolament. Sabiex jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċiżjonijiet annwali dwar it-TAC u l-kwoti, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom li ġew iffissati mill-2006 minn regolament separat.

#### **• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tistabbilixxi t-TACs u l-kwoti f'livelli konsistenti mal-objettivi tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

#### **• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

### **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

#### **• Bażi legali**

Il-bażi legali għall-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

#### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta talloka opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri skont l-objettivi tar-Regolament Bażiku tal-PKS u l-MAP tal-Baltiku. Skont l-Artikolu 16(6), l-Artikolu 16(7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku tal-PKS, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif l-opportunitajiet tas-sajd allokat lihom jiġu allokat lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom skont ċerti kriterji stabbiliti f'dawk l-Artikoli. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw il-marġni ta' diskrezzjoni neċessarju filwaqt li jiddistribwixxu t-TACs allokat, f'konformità mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jagħmlu użu mill-opportunitajiet tas-sajd allokat lihom li huma koperti mill-proposta.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa meqjus l-aktar strument xieraq peress li permezz tiegħu jkun jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti li japplikaw direttament għall-Istati Membri u għan-negozji rilevanti. Dan se jgħin biex ikun żgurat li r-rekwiżiti jiġu implimentati fil-ħin u b'mod armonizzat, u b'hekk iwassal għal aktar ċertezza legali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz tal-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku, abbażi tal-Komunikazzjoni tiegħu *Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2024* (COM(2023) 303 final). Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ipprova l-bażi xjentifika għall-proposta. Il-fehmiet preliminari espressi mill-partijiet ikkonċernati li ġew ikkonsultati dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha kkonċernati tqiesu kemm jista' jkun mingħajr ma kkontradixxew il-politiki attwali jew mingħajr ma kkawżaw xi deterjorament fl-istat tar-riżorsi vulnerabbli.

F'Ġunju 2023, ġie diskuss ukoll parir xjentifiku dwar il-limiti tal-qbid u dwar l-istatus tal-istokkijiet mal-Istati Membri fil-forum reġjonali BALTFISH.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-ICES dwar il-metodoloġija li għandha tintuża. Il-parir xjentifiku tal-ICES huwa bbażat fuq qafas ta' pariri żviluppat mill-gruppi ta' esperti tiegħu u mill-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u maħruġ f'konformità mal-ftehim qafas ta' sħubija tiegħu mal-Kummissjoni.

Kull sena l-Unjoni titlob lill-ICES parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut importanti. Il-parir li tirċievi jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku u jiġu proposti TACs għall-aktar stokkijiet kummerċjalment sinifikanti<sup>3</sup>.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija parti minn approċċ fit-tul fejn is-sajd jiġi aġġustat u miżmum f'livelli sostenibbli fit-tul. Maż-żmien, dan l-approċċ huwa mistenni li jirriżulta fi: (i) pressjoni tas-sajd stabbli; (ii) kwoti oġġli; u għalhekk, (iii) introjtu aħjar għas-sajjieda u l-familji tagħhom. Iż-żieda fil-ħatt l-art hija mistennija li tkun ta' benefiċċju għall-industrija tas-sajd, għall-konsumaturi, għall-industrija tal-ipproċessar u tal-bejgħ bl-imnut, u għall-bqija tal-industrija marbuta mas-sajd kummerċjali u rikreattiv. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li tiġi enfasizzata r-rabta

<sup>3</sup> <http://www.ices.dk/advice/Pages/Latest-Advice.aspx>

bejn is-sajd sostenibbli u ambjent tal-baħar san fil-Baħar Baltiku, f'konformità mal-istrategġija għall-bijodiversità u ma' inizjattivi relatati oħra, b'mod partikolari l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekosistemi tal-baħar u s-sajd<sup>4</sup>.

Din il-proposta tfittex li tevita approċċi għal perjodu qasir favur is-sostenibbiltà fit-tul. Għalhekk, din il-proposta tqis l-inizjattivi tal-partijiet ikkonċernati u tal-Kunsilli Konsultattivi jekk dawn ikunu ġew rieżaminati b'mod pożittiv mill-ICES u/jew mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Il-proposta ta' riforma tal-PKS tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt (SEC(2011) 891) skont liema tqies li filwaqt li l-kisba tal-objettiv tal-MSY kienet kundizzjoni meħtieġa għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali, dawk it-tliet objettivi ma jistgħux jinkisbu iżolati minn xulxin.

Sal-2019, id-deċiżjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku rnexxielhom iġibu l-mortalità mis-sajd b'parir dwar l-MSY konformi mal-meded tal-MSY fil-mument tal-istabbiliment tat-TAC għall-istokkijiet kollha, għajr għall-arġa tal-Baltiku tal-Punent. Dawn id-deċiżjonijiet deħru li rnexxielhom ukoll jerġgħu jibnu l-istokkijiet u jibbilanċjaw mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, fl-2019, sar evidenti li l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant kien taħt pressjoni qawwija. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-istimi tal-ICES issuġġerew li probabbilment dan l-istokk se jibqa' mnaqqas fis-snin li ġejjin. Fl-2021, sar evidenti li l-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent kien ukoll taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri (jiġifieri taħt l-hekk imsejjaħ punt ta' referenza tal-B<sub>lim</sub>) għal ħafna snin, u l-ICES issottolinja li diversi popolazzjonijiet tas-salamun huma dgħajfa ħafna wkoll. Filwaqt li sal-2020, l-ICES stma li l-bijomassa tal-arġa tal-Baltiku Ċentrali kienet taħt il-livelli b'saħħithom (taħt l-hekk imsejjaħ punt ta' referenza tal-B<sub>trigger</sub>), issa l-ICES jistma li fil-verità, il-bijomassa ilha madwar il-B<sub>lim</sub> minn nofs is-snin 90 u taħt il-B<sub>lim</sub> għal diversi snin. Fl-aħħar nett, filwaqt li sal-2022 l-ICES stma li l-arġa tal-Bothnia kienet qrib ħafna tal-limitu tal-B<sub>trigger</sub>, l-ICES issa jistma li l-istokk ilu taħt dak il-limitu mill-2021. Għalhekk, għad hemm bżonn ta' aktar progress biex jintlaħaq u jinżamm l-MSY għall-istokkijiet kollha tal-Baħar Baltiku.

Fil-31 ta' Mejju 2023, l-ICES ippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għad-diversi stokkijiet tal-Baltiku. L-ICES jistma li l-bijomassa tal-arġa tal-Baltiku tal-Punent u dik tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent għadha taħt il-B<sub>lim</sub>. Issa, il-bijomassa tal-arġa tal-Baltiku Ċentrali tinsab taħt il-B<sub>lim</sub> ukoll, u l-arġa tal-Bothnia tinsab taħt il-B<sub>trigger</sub>. Il-bakkaljaw u s-salamun tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent fil-Golf tal-Finlandja jirċievu parir ta' prekawzjoni. Is-seba' stokkijiet li jifdal irċievu il-parir dwar l-MSY li ġej:

- il-laċċa kaħla, l-arġa fil-Golf ta' Riga, u l-barbun tat-tbajja' jinsabu 'l fuq mill-B<sub>trigger</sub>;
- l-arġa fil-Golf tal-Bothnia niżlet taħt il-B<sub>trigger</sub>;
- l-arġa tal-Baltiku tal-Punent u dik tal-Baltiku Ċentrali jinsabu taħt il-B<sub>lim</sub>;
- id-diversi popolazzjonijiet tas-salamun fil-baċir ewlieni jibqgħu f'kundizzjonijiet li jvarjaw ħafna (bejn taħt l-R<sub>lim</sub> u 'l fuq mill-R<sub>MSY</sub>).

Meta jitqies dan ta' hawn fuq, huwa propost li l-approċċ meħud għas-salamun fil-baċir ewlieni jinżamm, filwaqt li t-TAC titnaqqas bi 15 % meta mqabbla mal-2023. Din il-proposta żżid l-opportunitajiet tas-sajd għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja b'7 %, meta mqabbla mal-2023. Din il-proposta tnaqqas l-opportunitajiet tas-sajd għall-arġa fil-Golf ta' Riga b'20 %, meta mqabbla mal-2023. Għall-istokkijiet l-oħra, il-Kummissjoni talbet lill-ICES biex

<sup>4</sup> COM(2023) 102 final tal-21 ta' Frar 2023.

jipprovdi aktar informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet bejn l-ispeċijiet u dwar il-qabdiet aċċessorji inevitabbli. Il-Kummissjoni se taġġorna l-proposta tagħha ladarba tkun irċeviet l-informazzjoni mill-ICES.

Għalhekk, l-impatt ekonomiku tal-proposta għall-2024 ma jistax jiġi stmat f'dan l-istadju, għalkemm se jkun hemm tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri kollha.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tibqa' flessibbli fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmi tal-iskambju tal-kwoti diġà stabbiliti mir-regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku fis-snin preċedenti. Ma ġiet proposta l-ebda regola ġdida jew proċedura amministrattiva ġdida għall-awtoritajiet pubbliċi (nazzjonali jew tal-Unjoni) li tista' żżid il-piż amministrattiv.

Il-proposta tikkonċerna regolament annwali li japplika għall-2024 u għalhekk, ma tinkludi l-ebda klawżola ta' reviżjoni.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' TACs u kwoti ġie stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>5</sup>.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd fil-Baħar Baltiku għall-2024.

Biex jiġu stabbiliti l-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet kondiviżi mal-Federazzjoni Russa, il-kwantitajiet rispettivi ta' dawn l-istokkijiet tnaqqsu mill-qabdiet rakkomandati mill-ICES. It-TACs u l-kwoti allokat lill-Istati Membri huma stabbiliti fl-Anness tal-proposta.

Għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES għadu ma jistax jiddetermina l-valuri tal-meded tal-F<sub>MSY</sub>. Għalhekk, għal darba oħra, huwa ħareġ parir ta' prekawzjoni għall-2024. Għall-ħames sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma jiġi permess l-ebda qbid tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. L-ICES jistma li d-daqs tal-istokk fl-2023 huwa biss 71 % tal-B<sub>lim</sub> u li se jibqa' taħt dan il-livell fil-perjodu medju, anke mingħajr l-ebda sajd. Barra minn hekk, l-ICES jistma li r-reklutaġġ għadu baxx. Minħabba s-sitwazzjoni tal-istokkijiet imnaqqsa, mill-2019 'l hawn bdew jiġu adottati miżuri severi. Is-sajd immirat għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant ingħalaq, għajr għas-sajd purament xjentifiku, u t-TAC hija limitata għall-qabdiet aċċessorji

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

inevitabbli biex jiġi evitat li l-biċċa l-kbira tas-sajd l-ieħor fil-Baħar Baltiku jkun bi kwoti limitanti. Mill-2019 'l hawn ġew adottati aktar miżuri ta' rimedju li huma marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' għeluq fiż-żmien riproduttiv li jkopri l-perjodu massimu tar-riproduzzjoni u ż-żoni potenzjali tar-riproduzzjoni u tal-migrazzjoni għar-riproduzzjoni. Ġew adottati eċċezzjonijiet għall-għeluq fiż-żmien riproduttiv għal sajd purament xjentifiku, għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu passiv, u għal ċertu sajd għall-aringi għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, is-sajd rikreattiv ilu pprojbit fiż-żona ewlenija ta' distribuzzjoni mill-2020, minħabba li l-kwantitajiet maqbuda jkunu sostanzjali meta mqabbla mat-TAC tal-qabdiet aċċessorji. Peress li dawn il-miżuri ta' rimedju għad ma kellhomx iż-żmien li jirriżultaw f' status imtejjeb tal-istokk, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, tipproponi li żżommhom filwaqt li twaqqaf l-eċċezzjoni għal ċertu sajd għall-aringa mill-perjodu tal-għeluq fiż-żmien riproduttiv minħabba li s-sajd immirat għall-aringa tal-Baltiku Ċentrali se jingħalaq. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant f'sajd ieħor. Dik l-informazzjoni hija meħtieġa minħabba li l-informazzjoni disponibbli bħalissa hija mill-2020 u ċ-ċirkostanzi tas-sajd inbidlu minn dak iż-żmien 'l hawn, b'mod partikolari r-reklutaġġ straordinarjament għoli tal-barbun tat-tbajja' f'dawn l-aħħar snin.

Il-parir tal-ICES għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent kien fih inċertezzi sinifikanti għal diversi snin. Fil-parir tiegħu għall-2021, l-ICES indika li l-istokk kien taħt il-B<sub>lim</sub> għall-biċċa l-kbira tal-10 snin preċedenti. B'riżultat ta' dan, mill-2021 'l hawn, il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq is-sajd immirat, għajr għas-sajd purament xjentifiku, u li jillimita t-TAC għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli biex jiġi evitat li sajd ieħor ikun bi kwoti limitanti. Il-Kunsill żamm jew saħħaħ ukoll miżuri ta' rimedju preeżistenti oħra li huma marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd. B'mod partikolari, il-Kunsill żamm l-għeluq fiż-żmien riproduttiv li jkopri l-perjodu massimu tar-riproduzzjoni u ż-żoni potenzjali tar-riproduzzjoni, b'eċċezzjonijiet għal: (i) sajd purament xjentifiku; (ii) ċerti sajd kostali fuq skala żgħira bl-użu ta' rkaptu passiv; (iii) ċertu sajd għall-aringi għall-konsum mill-bniedem; u (iv) sajd għall-molluski bivalvi f'ċerti ilmijiet baxxi. Barra minn hekk, il-Kunsill estenda l-perjodu tal-għeluq fiż-żmien riproduttiv biex ikopri s-sajd rikreattiv bil-qasba u s-sunnara. Barra mill-perjodu tal-għeluq fiż-żmien riproduttiv, il-Kunsill naqqas il-limitu tal-qabda għas-sajd rikreattiv bil-qasba u s-sunnara għal ħuta waħda kuljum għal kull sajjied tal-qasba u s-sunnara. Minħabba li l-inċertezzi jkomplu jippersistu, l-ICES iddeċieda li jnaqqas il-parir tiegħu għall-2024 għal parir ta' prekawzjoni tal-kategorija 3 u li jnaqqas il-livell tal-qabdiet totali rakkomandati tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent b'— 97 %. L-ICES iddikjara li l-bijomassa tal-istokk ilha taħt il-B<sub>lim</sub> għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-aħħar 15-il sena u fl-2022 kienet f'livell storikament baxx. Għalkemm għoliet bi ftit mill-2022 'l hawn, għadha ferm taħt il-B<sub>lim</sub>. Minħabba l-parir għal qabdiet baxxi, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, tipproponi li: twaqqaf is-sajd rikreattiv bil-qasba u s-sunnara, iżżomm magħluq is-sajd immirat, iżżomm l-għeluq fiż-żmien riproduttiv, u twaqqaf l-eċċezzjoni għal ċertu sajd għall-aringa minħabba li s-sajd immirat għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent u tal-Baltiku Ċentrali se jingħalaq. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent f'sajd ieħor, b'mod partikolari fis-sajd għall-pixxiċatt.

Sa mill-inqas mis-snin 90, l-ICES iddikjara li l-istatus tal-istokkijiet tas-salamun tax-xmajjar fil-Baħar Baltiku huwa eteroġenju, bi wħud li huma b'saħħithom, iżda b'oħrajn li huma dgħajfa ħafna. B'segwitu ta' studju dwar il-parametri referenzjarji, fil-parir tiegħu għall-2022, l-ICES iddikjara għall-ewwel darba li l-qabdiet kummerċjali u rikreattivi kollha tas-salamun fil-baċir ewlieni, li huma tipi ta' sajd intrinsikament imħalltin li jaqbd u s-salamun kemm minn stokkijiet b'saħħithom tax-xmajjar kif ukoll minn daww dgħajfa, jenħtieġ li jitwaqqfu biex

jigü protetti l-istokkijiet dgħajfa tax-xmajjar. Madankollu, fl-istess ħin, l-ICES ikkunsidra wkoll li t-tkomplija tas-sajd immirat eżistenti fiż-żoni kostali tal-Golf tal-Bothnia u tal-Baħar Åland (is-subdiviżjonijiet 29N, 30 u 31 tal-ICES) matul il-migrazzjoni fis-sajf tas-salamun xorta tkun possibbli. Għalhekk, mill-2021 'l hawn, il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq is-sajd immirat għas-salamun fil-baċir ewlieni u li jistabbilixxi TAC ta' qabda aċċessorja għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli, għajr għal sajd purament xjentifiku, filwaqt li jżomm is-sajd immirat għas-salamun miftuħ matul il-perjodu tas-sajf f'dawk iż-żoni kostali tat-Tramuntana. Mill-2021 'l hawn, il-Kunsill adotta wkoll aktar miżuri ta' rimedju li huma marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd u pprojbixxa s-sajd bil-konzizzjiet lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi. Barra minn hekk, mill-2021 'l hawn, il-Kunsill iddeċieda li fis-sajd rikreattiv jibda japplika limitu tal-qabda fil-ġurnata ta' salamun wieħed bil-pinen maqtugħin għal kull sajjied tal-qasba u s-sunnara fejn u meta s-sajd kummerċjali mmirat jingħalaq, u t-tekniki ta' qbid u rilaxx huma pprojbiti. Fil-parir tiegħu għall-2024, l-ICES itenni li l-qabdiet kummerċjali u rikreattivi kollha tas-salamun fil-baċir ewlieni jenħtieġ li jitwaqqfu biex jiġi protett l-istokk dgħajjef tax-xmajjar filwaqt li xi sajd immirat għas-salamun jista' jkompli b'ċerti kundizzjonijiet. Madankollu, minħabba li stokk wieħed tas-salamun tax-xmajjar fil-Baħar tal-Bothnia (is-subdiviżjoni 30 tal-ICES) jinsab taħt il-punt ta' referenza rilevanti, l-ICES iqijs li s-sajd immirat fiż-żoni kostali matul ix-xhur tal-migrazzjoni tas-sajf huwa possibbli biss fil-Bajja tal-Bothnia (is-subdiviżjoni 31 tal-ICES) u li l-livell tal-qabdiet totali jenħtieġ li jitnaqqas skont dan. Abbażi ta' dan, u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, il-Kummissjoni tipproponi li: (i) tillimita s-sajd immirat għall-Bajja tal-Bothnia; (ii) taġġusta t-TAC għal-livell rakkomandat mill-ICES; u (iii) iżżomm il-miżuri ta' rimedju attwali.

L-ICES ħareġ parir ta' prekawżjoni għall-2024 għas-salamun fil-Golf tal-Finlandja. Abbażi ta' dan, u f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament Bażiku tal-PKS, il-Kummissjoni tipproponi TAC. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li iżżomm: (i) il-flessibbiltà limitata bejn iż-żoni bejn iż-żewġ TACs tas-salamun; (ii) il-projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi; u (iii) il-projbizzjoni li jintużaw konzizzjiet għas-sajd għat-trota tal-baħar jew għas-salamun lil hinn minn erba' mili nawtiċi.

Il-valutazzjoni tal-aringa fil-Golf tal-Bothnia kienet waħda inċerta f'dawn l-aħħar snin. Fil-parir tiegħu għall-2023, l-ICES naqqas l-istima tiegħu tal-bijomassa tal-istokk u stma li din kienet niżlet għal livell ftit 'il fuq mill-B<sub>trigger</sub>. L-ICES indika li dan l-iżvilupp x'aktarx kien minħabba d-daqs dejjem jonqos tal-aringa, fenomenu diġà osservat għal xi żmien minn ċerti sajjieda kostali. Fil-parir tiegħu għall-2024, l-ICES kompli jnaqqas il-bijomassa tal-istokk li issa tinsab taħt il-B<sub>trigger</sub>. Barra minn hekk, anke mingħajr l-ebda qbid, il-probabbiltà li fl-2025 l-istokk jaqa' taħt il-B<sub>lim</sub> hija ta' 9 %. Abbażi ta' dan, u f'konformità mal-Artikolu 4(6) tal-MAP tal-Baltiku, il-Kummissjoni tipproponi li tagħlaq is-sajd immirat. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-aringa tal-Bothnia f'sajd ieħor, b'mod partikolari fis-sajd għal-laċċa kaħla.

Għall-aringa tal-Baltiku tal-Punent, id-daqs tal-istokk stmat mill-ICES fil-parir tiegħu għall-2024 huwa biss ta' 71 % tal-B<sub>lim</sub> fl-2023. L-ICES jistma wkoll li l-bijomassa se tibqa' taħt il-B<sub>lim</sub> mill-inqas sal-2025, anke mingħajr l-ebda sajd. Ir-reklutaġġ ilu storikament baxx għal ħafna snin. Billi l-ebda wieħed mix-xenarji tal-qbid ma jwassal biex il-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent tkun 'il fuq mill-B<sub>lim</sub> fil-futur qarib, l-ICES itenni, għas-sitt sena konsekuttiva, il-parir tiegħu li ma jiġi permess l-ebda qbid. Mill-2021 'l hawn, il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq is-sajd immirat, għajr għas-sajd purament xjentifiku u dak kostali fuq skala żgħira, u li jistabbilixxi TAC għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli biex jiġi evitat li sajd ieħor ikun bi kwoti limitanti. Peress li dawn il-miżuri ta' rimedju għad ma kellhomx iż-żmien

biex jirriżultaw fi status imtejjeb tal-istokkijiet, il-Kummissjoni tipproponi, f'konformità mal-Artikolu 4(6) tal-MAP tal-Baltiku, li żżomm is-sajd immirat magħluq u li twaqqaf l-eżenzjoni għas-sajd kostali fuq skala żgħira. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna aktar informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent f'sajd ieħor. Dik l-informazzjoni hija meħtieġa minħabba li s-sajd fuq skala żgħira jrid jingħalaq u l-informazzjoni disponibbli bħalissa tidher li hi insuffiċjenti biex tiġi proposta TAC xierqa.

L-istatus tal-bijomassa tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali kien inċert f'dawn l-aħħar snin. Għaldaqstant, fl-2023, l-ICES wettaq studju dwar il-parametri referenzjarji. L-ICES issa jistma li din il-bijomassa ilha taħt il-B<sub>lim</sub> għall-parti l-kbira ta' dawn l-aħħar 30 sena, inkluż f'dawn l-aħħar snin. Anke mingħajr l-ebda qbid, il-probabbiltà li fl-2025 l-istokk jibqa' taħt il-B<sub>lim</sub> hija ta' 22 %. Għalhekk, u f'konformità mal-Artikolu 4(6) tal-MAP tal-Baltiku, il-Kummissjoni tipproponi li tagħlaq is-sajd immirat. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali f'sajd ieħor, b'mod partikolari fis-sajd għal-laċċa kaħla.

Bħal fis-snin preċedenti, il-parir tal-ICES għall-2024 għall-aringa fil-Golf ta' Riga jindika li xi aringi tal-Baltiku Ċentrali jemigraw mill-baċir ewlieni għall-Golf ta' Riga u li xi aringi tal-Golf ta' Riga jemigraw mill-Golf ta' Riga għall-baċir ewlieni. Barra minn hekk, bħal fis-snin preċedenti, l-ICES jissuġġerixxi li dawn l-aringi migratorji jiżdiedu/jitnaqqsu mat-/mit-TAC għall-aringa fil-Golf ta' Riga. Madankollu, għall-2024, il-Kummissjoni tqis li peress li l-istokk tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali jinsab taħt il-B<sub>lim</sub> u li għalhekk il-qabdiet tal-aringa tal-Baltiku ċentrali jenħtieġ li jitnaqqsu kemm jista' jkun, ma jkunx xieraq li qabdiet tal-aringa tal-Baltiku ċentrali jiżdiedu mat-TAC għall-aringa fil-Golf ta' Riga. B'kuntrast għal dan, il-Kummissjoni tqis li jixraq li tkompli tnaqqas l-ammont ta' aringi tal-Golf ta' Riga li jemigraw barra mill-Golf ta' Riga, peress li dik it-tip ta' aringa ma għadhiex preżenti fil-Golf ta' Riga. Il-valur tal-punt tal-F<sub>MSY</sub> li jirriżulta għat-TAC għall-aringa fil-Golf ta' Riga jirrappreżenta tnaqqis ta' – 23 %. Abbażi ta' dan, u peress li l-istokk jinsab 'il fuq mill-B<sub>trigger</sub>, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TAC fil-medda superjuri f'konformità mal-Artikolu 4(5)(c) tal-MAP tal-Baltiku sabiex it-tnaqqis fit-TAC jiġi limitat għal – 20 %.

It-TAC għall-barbun tat-tbajja' hija taħlita ta': (i) il-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-subdiviżjonijiet 21, 22 u 23; u (ii) il-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-subdiviżjonijiet 24 sa 32, li fl-2022, ġie aġġornat mill-ICES għal parir dwar l-MSY tal-kategorija tad-data 2 tal-ICES. Skont il-parir tal-ICES għall-2024, iż-żewġ stokkijiet esperjenzaw reklutaġġ straordinarju fl-2019–2021. Barra minn hekk, il-ħatt l-art totali naqas b'mod sostanzjali u l-qbid skartat żdied. Barra minn hekk, l-interazzjonijiet bejn diversi speċijiet jenħtieġ li jitqiesu, peress li l-bakkaljaw huwa qabda aċċessorja inevitabbli fis-sajd għall-barbun tat-tbajja', u l-livelli tal-qabdiet aċċessorji jistgħu jkun sinifikanti, b'mod partikolari dment li ma jintużawx irkapti tas-sajd aktar selettivi. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-bakkaljaw fis-sajd għall-barbun tat-tbajja'.

Skont il-parir tal-ICES għall-2024, il-bijomassa tal-laċċa kaħla tinsab 'il fuq mill-B<sub>trigger</sub>, għalkemm il-pressjoni preċedenti tas-sajd kienet oġhla mill-F<sub>MSY</sub> u r-reklutaġġ kien storikament baxx fl-2021 u fl-2022. Fir-rigward tal-livell tat-TAC, il-Kummissjoni qed tistenna informazzjoni mill-ICES dwar il-livell tal-qabdiet aċċessorji inevitabbli tat-tipi differenti ta' stokkijiet tal-aringa fis-sajd għal-laċċa kaħla.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 jistabbilixxi aktar kundizzjonijiet għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet dwar il-

flessibbiltà għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzzjonarji u analitiċi, rispettivament. L-Artikolu 2 tiegħu jstipula li meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi għal liema stokkijiet l-Artikoli 3 u 4 ma jenhtiegħ li japplikaw, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. L-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku tal-PKS jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, biex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar u tfixkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-PKS, jenhtiegħ li jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku tal-PKS.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li temenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 biex tistabbilixxi TAC għall-merluzz tan-Norveġja, li s-sajd għalih jibda fl-1 ta' Novembru 2023. Il-livell tat-TAC huwa mmarkat bħala “*pm*” (*pro memoria*) sakemm jiġu ppubblikati l-parir tal-ICES mistenni fid-9 ta' Ottubru 2023 u l-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta jkunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħra, u kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.
- (2) Il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet li huma marbuta b'mod funzjonali ma' dawn l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu f'fissati f'konformità mal-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), kif stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew sajda.
- (3) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, billi jitqiesu l-implikazzjonijiet bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, u filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-aringa u tal-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta dawn l-istokkijiet. Il-mira ta' dak il-pjan hija li jiżgura li

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li, għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-oportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffixxati f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dawk il-pjanijiet pluriennali.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139, l-oportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu ffixxati biex tinkiseb il-mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY, espressa f'meded, mill-aktar fis possibbli u fuq bażi progressiva u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020. Il-limiti tal-qbid applikabbli fl-2024 għall-istokkijiet rilevanti fil-Baħar Baltiku jenħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli u l-oġġettivi tal-pjan pluriennali stabbiliti minn dak ir-Regolament.
- (6) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ippubblika l-parir annwali tiegħu għall-istokkijiet tal-Baltiku fil-31 ta' Mejju 2023<sup>3</sup>.
- (7) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES jagħti l-parir li ma jsir l-ebda qbid. Madankollu, jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell rakkomandat, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż il-qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet f'sajd imħallat, iwassal għall-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti". Sabiex jinkiseb bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd, minħabba l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment serji li jirriżultaw min-nuqqas ta' dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY, jixraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għall-qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Dawk it-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw li l-mortalità għal dawk l-istokkijiet titnaqqas u li jipprovdu inċentivi biex tittejjeb is-selettività u biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, l-oportunitajiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad il-ħut minn dawn l-istokkijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll miżuri tekniċi u ta' kontroll li huma intrinsikament marbuta mal-oportunitajiet tas-sajd biex jiġi evitat l-iskartar illegali.
- (8) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES jistma li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant għadha taħt il-punt ta' referenza ta' limitu għall-bijomassa tal-istokk riproduttiv li taħtu huwa possibbli li l-kapaċità riproduttiva titnaqqas ( $B_{lim}$ ) u bilkemm żdiedet meta mqabbla mal-2022. Għalhekk, għall-ħames sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma jinqabad l-ebda bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant<sup>4</sup>. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jixraq, skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhuma, filwaqt li titwaqqaf l-eċċezzjoni għas-sajd għall-arangi magħżula għall-konsum mill-bniedem mill-perjodu tal-għeluq fiż-żmien riproduttiv, peress li s-sajd immirat għall-aranga tal-Baltiku Ċentrali se jingħalaq. L-oportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti".

<sup>3</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.pub.c.6398177>

<sup>4</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820497>

- (9) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, minħabba inċertezzi kontinwi fil-parir, l-ICES iddegrada l-parir tiegħu<sup>5</sup> għal parir ta' prekawzjoni. Issa jidher li l-istokk ilu taħt il-B<sub>lim</sub> għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-aħħar 15-il sena u fl-2022 kien f'livell storikament baxx. Il-parir ta' prekawzjoni dwar il-qbid huwa baxx ħafna. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jixraq, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhuma, filwaqt li titwaqqaf l-eċċezzjoni għas-sajd għall-aringi magħżula għall-konsum mill-bniedem peress li s-sajd immirat għall-aringa tal-Baltiku Ċentrali se jingħalaq. Barra minn hekk, jixraq li jitwaqqaf kull sajd rikreattiv. L-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti".
- (10) Fir-rigward tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31 tal-ICES, l-ICES żamm mal-parir tiegħu li ma jsir l-ebda qbid, illimita l-possibbiltà tas-sajd kostali immirat kontinwu li jsir fis-sajf għas-subdiviżjoni 31 tal-ICES, u naqqas il-parir tiegħu dwar il-qbid skont dan<sup>6</sup>. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jixraq li ż-żona tas-sajd u l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd jiġu aġġustati f'konformità mal-parir tal-ICES, u li l-miżuri ta' rimedju tagħhom, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhuma.
- (11) Sabiex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali fis-subdiviżjoni 32 tal-ICES, fl-2019 ġiet introdotta flessibbiltà limitata bejn iż-żoni għas-salamun bejn is-subdiviżjonijiet 22 sa 31 tal-ICES u s-subdiviżjoni 32 tal-ICES<sup>7</sup>. Minħabba l-bidliet fl-opportunitajiet tas-sajd għal dawn iż-żewġ stokkijiet, jixraq li din il-flessibbiltà tinżamm.
- (12) Il-projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi u l-limitazzjoni tal-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabda kkombinata tat-trota tal-baħar u tas-salamun ikkontribwew għat-tnaqqis sostanzjali tar-rapportar ħażin sinifikanti li sar preċedentement dwar il-qabdiet fis-sajd għas-salamun, b'mod partikolari bħala qabdiet tat-trota tal-baħar. Għalhekk, jixraq li jinżammu r-restrizzjonijiet eżistenti biex jinżamm livell baxx ta' rapportar ħażin.
- (13) Il-miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw u s-salamun, u l-miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-trota tal-baħar u tas-salamun jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) 1380/2013.
- (14) Fir-rigward tal-aringa fil-Golf tal-Bothnia, l-ICES naqqas il-bijomassa tal-istokk li issa tinsab taħt il-punt ta' referenza li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa (B<sub>trigger</sub>)<sup>8</sup>. Barra minn hekk, l-ICES jiddikjara li anke mingħajr l-ebda qbid, il-probabbiltà li fl-2025 l-istokk jinżel taħt il-B<sub>lim</sub> hija ta' 9 %. F'ċirkostanzi bħal dawn, jixraq li s-sajd immirat jingħalaq skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2016/1139 u li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti".

<sup>5</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820494>

<sup>6</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820596>

<sup>7</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820602>

<sup>8</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820521>

- (15) Fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES jistma li filwaqt li l-bijomassa tal-istokk żdiedet, hija biss 71 % tal- $B_{lim}$ <sup>9</sup>. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ għadu f'livelli storikament baxxi, u l-bijomassa mhijiex mistennija li fl-2025 tirkupra 'l fuq mill- $B_{lim}$ . Għalhekk, għas-sitt sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma tinqabad l-ebda aringa tal-Baltiku tal-Punent. F'ċirkostanzi bħal dawn, skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li titwaqqaf l-eċċezzjoni għas-sajjieda fuq skala żgħira. L-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti".
- (16) Fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali, l-ICES issa jistma li dan l-istokk ilu taħt il- $B_{lim}$  għall-parti l-kbira ta' dawn l-aħħar 30 sena, inkluż f'dawn l-aħħar snin<sup>10</sup>. Barra minn hekk, anke mingħajr l-ebda qbid, il-probabbiltà li fl-2025 l-istokk jibqa' taħt il- $B_{lim}$  hija ta' 22 %. F'ċirkostanzi bħal dawn, jixraq li s-sajd immirat jingħalaq skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (UE) 2016/1139 u li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat il-fenomeni ta' "speċijiet bi kwoti limitanti".
- (17) Fir-rigward tal-aringa fil-Golf ta' Riga, l-ICES jistma li l-bijomassa tinsab 'il fuq mill- $B_{trigger}$  u l-perssjoni tas-sajd fil-livell tal- $F_{MSY}$ <sup>11</sup>. L-ICES jistma wkoll li dan l-istokk jitħallat mal-aringa tal-Baltiku Ċentrali. Abbażi tal-istimi tal-ICES, dan it-taħlit kien diġà ġie meqjus meta ġew stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd rispettivi. Madankollu, minħabba l-istatus tal-istokk tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali, l-ammont ta' aringi tal-Baltiku Ċentrali li jemigraw fil-Golf ta' Riga jenħtieġ li ma jiżdiedx mat-TAC għall-aringa fil-Golf ta' Riga għall-2024. F'ċirkostanzi bħal dawn, jixraq li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti fil-medda superjuri sabiex il-varjazzjonijiet minn sena għal sena jiġu limitati għal mhux aktar minn 20 % skont l-Artikolu 4(5), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2016/1139.
- (18) Fir-rigward tal-barbun tat-tbajja', skont l-ICES, il-bakkaljaw huwa qabda aċċessorja fis-sajd għall-barbun tat-tbajja'<sup>12</sup>. Barra minn hekk, ir-rata tal-iskartar tal-barbun tat-tbajja' żdiedet b'mod sostanzjali. Għalhekk, jixraq li dawn il-fatturi jitqiesu u li l-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' jiġu ffixxati skont dan.
- (19) Fir-rigward tal-laċċa kaħla, l-ICES jistma li filwaqt li l-bijomassa tinsab 'il fuq mill- $B_{trigger}$ , ma kien hemm l-ebda reklutaġġ qawwi mill-2014 'l hawn. Barra minn hekk, l-ICES jistma li r-reklutaġġ fl-2021 u l-2022 kien saħansitra storikament baxx<sup>13</sup>. Barra minn hekk, is-sajd għal-laċċa kaħla spiss ikun sajd imħallat bl-aringi. Għalhekk, jixraq li dawn il-fatturi jitqiesu u li l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla jiġu ffixxati skont dan.
- (20) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>14</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 33

<sup>9</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21907944>

<sup>10</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.23310368>

<sup>11</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820512>

<sup>12</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820533> u <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820539>

<sup>13</sup> <https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820581>

<sup>14</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007,

tiegħu dwar ir-reġistrar tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd, u l-Artikolu 34 tiegħu dwar it-trażmissjoni tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-kodiċijiet relatati mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li l-Istati Membri għandhom jużaw meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni.

- (21) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96<sup>15</sup> jistabbilixxi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà għall-istokkijiet soġġetti għat-TACs prekawżjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi għal liema stokkijiet ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. L-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi wkoll mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, li tfixxkel l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u li tikkawża d-deterjorament tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit b'mod espliċitu li l-Artikoli 3(2), 3(3) u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (22) Il-bijomassa tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent u dik tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali jinsabu taħt il-B<sub>lim</sub>. Il-bijomassa tal-istokk tal-aringa tal-Bothnia tinsab taħt il-B<sub>trigger</sub> u hija mistennija li fl-2024 tersaq viċin ħafna tal-B<sub>lim</sub>. Għal dawn l-istokkijiet kollha, il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku biss huma permessi fl-2024. Għalhekk, u minħabba r-reżiljenza relattivament baxxa tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku, l-Istati Membri li għandhom sehem mill-kwota tat-TACs rilevanti impenjaw ruħhom li fl-2024 ma japplikawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal daww il-istokkijiet sabiex il-qabdiet fl-2024 ma jaqbżux it-TACs rilevanti. Barra minn hekk, fis-subdiviżjonijiet 22 sa 30 tal-ICES, il-bijomassa ta' kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun tax-xmajjar tinsab taħt il-punt ta' referenza tal-limitu għall-produzzjoni tas-salamun żgħir (R<sub>lim</sub>), u fl-2024 huma permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku. Għalhekk, l-Istati Membri rilevanti impenjaw ruħhom b'mod simili rigward il-flessibbiltà minn sena għal sena fir-rigward tal-qabdiet tas-salamun tal-baċir ewlieni fl-2024.
- (23) [spazju riżervat għall-“merluzz tan-Norveġja” - Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194<sup>16</sup> jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja sal-31 ta' Ottubru 2023 fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a. Il-perjodu tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja huwa mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. Biex is-sajd ikun jista' jibda fl-1 ta' Novembru 2023, u abbażi ta' pariri xjentifiċi ġodda u wara konsultazzjonijiet

---

(KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

<sup>15</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.).

<sup>16</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

mar-Renju Unit, jeħtieġ li tiġi f'fissata TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jenħtieġ li din it-TAC proviżorja tiġi f'fissata f'konformità mal-parir tal-ICES ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2023<sup>17</sup>.]

- (24) [spazju riżervat għal modifiki oħra].
- (25) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2023/194 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (26) Biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-Baħar Baltiku jibdeu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024, peress li dak huwa l-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### *Artikolu 1*

##### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2024 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra f'fissati bir-Regolament (UE) 2023/194.

#### *Artikolu 2*

##### **Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.
2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissemma b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

#### *Artikolu 3*

##### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

---

<sup>17</sup> [Spazju riżervat għall-parir tal-ICES li għandu jiġi ppubblikat fid-9 ta' Ottubru 2023].

- (1) it-terminu “subdiviżjoni” ifisser subdiviżjoni tal-Baħar Baltiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) kif definit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup>;
- (2) it-terminu “qabda totali permissibbli (TAC)” ifisser:
  - (a) fil-każ tas-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta’ ħut li jista’ jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;
  - (b) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta’ ħut li jista’ jinqabad minn kull stokk kull sena;
- (3) it-terminu “kwota” ifisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (4) it-terminu “sajd rikreattiv” ifisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, pereżempju għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
- (5) it-terminu “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq *data* dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk kif ukoll fuq indikaturi, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija ta’ kwalità tajba biżżejjed biex tagħti parir xjentifiku;
- (6) it-terminu “TAC analitika” ifisser TAC li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika.

## KAPITOLU II

### OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

#### *Artikolu 4*

#### **TACs u allokazżjonijiet**

It-TACs, il-kwoti u, fejn xieraq, il-miżuri marbuta b’mod funzjonali magħhom, huma stabbiliti fl-Anness.

#### *Artikolu 5*

#### **Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. L-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri stabbilita f’dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju:
  - (a) għall-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
  - (b) għat-tnaqqis u għar-riallokazżjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
  - (c) għall-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

<sup>18</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta’ statistiċi ta’ qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

- (d) għall-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
  - (e) għat-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. L-istokkijiet soġġetti għat-TACs prekawzjonarji jew analitiċi għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
  3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.
  4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibilità minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

#### *Artikolu 6*

#### **Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji**

Għall-finijiet tad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet għandhom jinqatgħu mill-kwoti rilevanti, kif previst fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet ta' speċijiet mhux immirati fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija f'dak l-Artikolu huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 7*

#### **Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-bakkaljaw**

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każ ta':
  - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
  - (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wieċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
3. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-15 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu.
4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika fil-każ ta':
  - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;

- (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejjix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
  - (c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu bil-gangmi għall-molluski bivalvi fis-subdiviżjoni 22, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 2, il-punt (b) u fil-paragrafu 4, il-punti (b) u (c) għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru kompetenti.

#### *Artikolu 8*

#### **Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 22 sa 26**

Is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw għandu jkun ipprojbit fis-subdiviżjonijiet 22 sa 26.

#### *Artikolu 9*

#### **Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31**

1. Is-sajd rikreattiv tas-salamun għandu jkun ipprojbit fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31. Kull kampjun ta' salamun li jinqabad b'mod aċċidentali għandu jiġi rilaxxat lura fil-baħar minnufih.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sajd rikreattiv tas-salamun għandu jkun permess bil-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
  - (a) kull sajjied rikreattiv ma jistax jaqbad u jżomm aktar minn kampjun wieħed kuljum ta' salamun bil-pinen maqtugħin;
  - (b) wara li s-sajjied rikreattiv jaqbad l-ewwel salamun bil-pinen maqtugħin, huwa għandu jieqaf jistad għas-salamun għall-bqija tal-ġurnata;
  - (c) il-kampjuni kollha ta' kwalunkwe speċi ta' ħut miżmuma għandhom jinħattu l-art sħaħ.
3. B'deroga ulterjuri mill-paragrafu 1, is-sajd rikreattiv għas-salamun għandu jkun permess fis-subdiviżjoni 31 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu f'żoni sa erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.
4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

#### *Artikolu 10*

#### **Miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-trota tal-baħar u tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 32**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjonijiet 22 sa 32. Meta jsir is-sajd għas-salamun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjoni 32, il-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar ma għandhomx jaqbżu t-3 %

tal-qabda totali tas-salamun u tat-trota tal-baħar abbord fi kwalunkwe mument jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

2. Is-sajd bil-konzijiet għat-trota tal-baħar jew għas-salamun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31 għandu jkun ipprojbit.
3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

### Artikolu 11

#### Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jibagħtu *data* relatata mal-kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda jew li jinħattu l-art lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### Artikolu 12

#### Emenda għar-Regolament (UE) 2023/194

Ir-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-tabella dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja (*Trisopterus esmarkii*) fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

“

|                   |                                                     |           |                         |           |                                                                                    |                                                                                                 |
|-------------------|-----------------------------------------------------|-----------|-------------------------|-----------|------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Speċi:            | Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati |           |                         |           | Żona:                                                                              | 3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni ta' 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta' 2a (NOP/2A3A4.) |
|                   | <i>Trisopterus esmarkii</i>                         |           |                         |           |                                                                                    |                                                                                                 |
| <b>Sena</b>       | <b>2023</b>                                         |           | <b>2024</b>             |           |                                                                                    |                                                                                                 |
| Id-Danimarka      | 46 929                                              | (1)(3)    | <i>pro memoria (pm)</i> | (1)(6)    | TAC analitika<br>L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax |                                                                                                 |
| Il-Ġermanja       | 9                                                   | (1)(2)(3) | pm                      | (1)(2)(6) | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax                           |                                                                                                 |
| In-Netherlands    | 35                                                  | (1)(2)(3) | pm                      | (1)(2)(6) |                                                                                    |                                                                                                 |
| L-Unjoni          | 46 973                                              | (1)(3)    | pm                      | (1)(6)    |                                                                                    |                                                                                                 |
| Ir-Renju Unit     | 11 439                                              | (2)(3)    | pm                      | (2)(6)    |                                                                                    |                                                                                                 |
| In-Norveġja       | 0                                                   | (4)       | pm                      | (4)       |                                                                                    |                                                                                                 |
| Il-Gżejjer Faeroe | 0                                                   | (5)       | pm                      | (5)       |                                                                                    |                                                                                                 |
| TAC               | 58 412                                              |           |                         |           |                                                                                    |                                                                                                 |

- (1) Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu (OT2/\*2A3A4). Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, f'daqqa ma għandhomx jaqbu 9 % tal-kwota.
- (2) Il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni ta' 2a, 3a u 4.
- (3) Tista' tinqabad biss mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2023.
- (4) Għandu jintuża għarbiel.

- (5) Għandu jintuża għarbiel. Din il-kwota tinkludi ammont massimu ta' 15 % ta' qabdiet aċċessorji inevitabbli (NOP/\*2A3A4), li għandhom jinqatgħu minn din il-kwota.
- (6) Din il-kwota tista' tinqabad mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024.
- 

”;

(2) [spazju riżervat].

### *Artikolu 13*

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2024.

B'deroga mit-tieni paragrafu:

- (a) l-Artikolu 12, il-punt (1), għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024;
- (b) [spazju riżervat].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*